**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 20 ta' Frar 2002

Citazzjoni numru 1035/2000 AJM

Kawza numru 4

Winston u Frances konjugi Fenech

Vs

Charles Abela, Kevin Fenech u Oliver Camezuli fil-kwalita' taghhom ta' President, Segretarju u Tezorier, rispettivament ghan-nom u in rappresentanza tal-Mosta Football Club

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-25 ta' Mejju 2000 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew li f'diversi okkazzjonijiet bejn Novembru 1995 u Frar 1998, l-atturi kienu avvanzaw lill-Mosta Football Club in linea ta' self 'brevi manu', diversi ammonti li gew sussegwentement rikonoxxuti mir-rappresentanti tal-istess Club permezz ta' skrittura privata redatta bejn il-partijiet (Dok A); illi ai termini tal-istess skrittura

privata il-predecessuri tal-konvenuti nomine kienu rrikonoxxew bhala dovuta lill-atturi is-somma komplessiva ta' tliet elef u wiehed u ghoxrin lira maltin u sebghin centezimu (LM3021.70) u l-partijiet qablu li l-hlas kellu jsir permezz ta' pagamenti mensili ta' mitejn lira maltin (LM200) kull wiehed b'effett mill-1 ta' Novembru 1999; illi nonostante dan il-ftehim, il-konvenuti nomine jew predecessuri taghhom ghamlu biss pagamenti saltwarji lill-atturi li jammontaw komplessivament ghal mitejn u hamsa u sebghin lira maltin (LM275); illi ghalhekk salpresentata ta' dina c-citazzjoni il-konvenuti nomine ghandhom jaghtu lill-atturi s-somma ta' elf mija u hamsa u ghoxrin lira maltin (LM1125) ammontant rappresentanti hlasijiet dovuti bejn l-1 ta'Novembru 1999 u l-1 ta' Mejju 2000, ai termini tal-imsemmija skrittura; illi minkejja li gew diversi drabi interpellati sabiex jeffettwaw il-hlas, il-konvenuti nomine nasu milli jaghmlu dan; illi dan l-ammont hu cert likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-atturi il-konvenuti nomine ma ghandhom ebda eccezzjonijiet x'jissollevaw kontra l-pagament tal-istess; illi ghaldaqstant ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; talbu li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf mija u hamsa u ghoxrin lira maltin (LM1125) ammont dovut kif fuq premess u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq. Tal-Kodici ta'Organizzazzjonijiet u Procedura Civili.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu 2000 u interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data

tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti nomine li jibqghu minn issa ngunti has-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebit mill-atturi.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Gunju 2000 li permezz tieghu l-konvenuti inghataw il-fakolta li jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fl-4 ta' Lulju 2000 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi l-iskrittura redatta bejn il-partijiet hija nulla u kwindi inapplikabbli, stante li din ma gietx redatta skond l-Istatut tal-Mosta F.C.
2. Illi t-talba attrici hija intempestiva peress illi ghadu qatt ma sar l-ebda ftehim dwar il-modalita' ta' ripagament tad-debitu allegatament dovut lill-atturi mill-konvenuti.
3. Fi kwalunkwe kaz il-pagamenti effettwati jikkonstitwixxu novazzjoni tal-kondizzjoni tar-ripagament.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti u d-dokumenti ezebiti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

Mill-provi akkwiziti jidher li ma hemmx kontestatazzjoni per se li l-attur kien silef lill-club konvenut l-ammont indikat fic-citazzjoni li tieghu qed jitlob akkont a termini tal-iskrittura redatta bejn il-partijiet. Infatti dan il-kreditu jirrizulta sodisfacjentement pruvat sew mix-xhieda tal-attur kif ukoll mill-membri tal-kumitat kif originarjament kien furmat kif ukoll minn dawk in-nies li llum jiffurmaw parti minn dan il-kumitat. Inoltre jidher li l-ammont dovuti lill-attur gew indikati, kif jitolbu r-regolamenti tal-Malta Football Association, fir-return li ssir lil din l-assocjazzjoni kull sena u tali return hija ffirmata mhux biss mil-President tal-club izda ukoll mis-segretarju u tezorier u l-awdituri tal-Club konvenut. Ghalhekk jidher li l-iskrittura li saret fl-1 ta' Mejju 1999 fejn jinghad li l-attur kien kreditur tal-Club fl-ammont ta' LM3021.70 u fejn gie indikat il-mod tal-pagament lura tal-ammont dovut, kienet biss formalita' rikjesta mill-attur billi kien ser jirtira minn President tal-Club u fl-istess hin kienet tagevola lill-Club konvenut billi dan kien qed jinghata zmien biex jhallas b'rati mensili u inoltre gie dikjarat li ma kienx hemm imghax dovut fuq is-self.

Il-Club konvenut izda qed jinsisti li fl-ewwel lok l-iskrittura tal-1 ta' Mejju 1999, li a bazi taghha, skond il-konvenut, saret din il-kawza, hija nulla billi mhux konformi mar-regolamenti tal-Club. In effetti saret referenza ghall-klawsola numru 36 tal-Istatut li tghid li "Il-President, is-Segretarju u l-Kaxxier ghandhom jidhru ghan-nom tal-Kumitat fuq kuntratti jew ftehim iehor." Issa fl-iskrittura imsemmija insibu li l-attur, li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' President tal-Mosta Football Club deher fil-kapcita' tieghu personali u in rappresentanza tal-mara tieghu, li pero' jidher li ffirmat l-istess skrittura. Fil waqt li deher biss Joe Gauci,

ossia it-Tezorier, ghall-istess Club. Ghalhekk proprjament jonqsu r-rekwiziti dettati fl-artikolu imsemmi. Izda jigi osservat li din li skrittura giet pprezentata waqt udjenza tal-Kumitat li mhux talli ha konjizzjoni taghha izda ukoll accetta dak li kien qed isir u fin-notes to the accounts ghas-Season 1998/1999 maghmula f'Gunju 1999 iddikjara bl-aktar mod car li fost il-kredituri kien hemm l-attur ghall-ammont ta' LM3021.70 u gie indikat il-mod tal-pagament u d-data meta dawn il-pagamenti kellhom jibdew jiddekorru – dana jirrifletti dak li hemm fl-iskrittura. Dawn l-accounts kif gja intqal huma ffirmati mhux biss mill-awdituri tal-Club izda ukoll mill-President, is-segretarju u it-Tezorier tal-istess Club.

Issa jigi rilevat li s-subinciz (1) ta' l-artikolu fuq citat jghid espressament hekk: "Kull kumitat gdid ghandu jonora kull kuntratt u ftehim li tkun ittiehdet decizjoni fuqu mill-Kumitat ta' qablu." L-obbligu naxxenti mill-iskrittura fuq imsemmija jidher li gie onorat 'in parte' mill-Kumitat gdid tal-Club billi dan ukoll ghamel pagamenti akkont tad-debitu imsemmi kif jidher mid-deposit slips tal-Bank of Valletta tas-7 ta' Novembru u tal-20 ta' Dicembru 1999.

Fl-ahharnett jigi rilevat, kif sewwa osservat l-abbli difensur tal-atturi, li sakemm ma jkunx hemm dikjarazzjoni gudizzjarja dwar il-validita' o meno tal-iskirttura imsemmija l-Club konvenut ma jistax jeccepixxi din in-nullita'. Ghalhekk in-nuqqas ta' azzjoni tal-Club f' dan ir-rigward ma jistax hlief li jwassal lil din il-Qorti li tirrikonoxxi l-validita' tal-istess skrittura. Dana dejjem fil-kuntest ta' dak li inghad fuq.

Fit-tieni lok il-Club konvenut qed isostni li din l-azzjoni hija intempestiva nkwantu qatt ma sar ebda ftehim tal-modalita' tal-pagament tad-debitu. Din l-eccezzjoni tidher li hija marbuta u mahsuba bhala konsegwenza

naturali ta' l-ewwel eccezzjoni. Izda gialadarba din il-Qorti gja irriteniet li skrittura imsemmija ghandha validita' taghha u l-obbligazzjoni tissustixxi din l-eccezzjoni ma ghandha ebda fondament. Inoltre jigi osservat li anke jekk ghal grazzja tal-argument il-konvenut kellu jkollu ragun, il-fatt li d-debitu rikonoxxut ma jattirax imghax, l-ammont dovut ghandu jithallas fi zmiens sentejn. Illum bil-moghodija taz-zmien il-posizzjoni ghalhekk tidher sanata u l-konvenut ma jistax aktar jistrieh fuq din l-eccezzjoni.

Fl-ahharnett il-konvenut qed isostni li kien hemm novazzjoni tal-tal-kondizzjoni ta' ripagament u dana in vista tal-pagamenti maghmula u accettati mill-atturi f'ammonti anqas minn dak miftiehem. Fl-ewwel lok din l-eccezzjoni donna ixxejjen l-ewwel zewg eccezzjonijiet billi biex tirrizulta novazzjoni tridtkun tezisti obbligazzjoni valida li sussegwentement tigi alterata jew sostitwita bi ftehim iehor. Ghalhekk din l-eccezzjoni proprjament ma taghmilx sens fil-kuntest tal-kontestazzjoni tal-Club konvenut. Izda apparti dan din il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghall-principji generali tal-kuntratt li jirrikjedu li biex issehh novazzjoni jrid jkun hemm il-bene placitu tal-kontraenti kollha, l-istess Statut tal-Club jitkellem car fl-artikolu 36.2 li "Bidla f'kuntratt jew ftehim f'cirkostanzi bhal dawn tkun tista ssehh <u>biss wara qbil bejn il-partijiet kollha koncernati."</u> Il-fatt li l-atturi accettaw pagamenti akkont u mhux, kif issugerixxa d-difensur tal-konvenut irrifjuta tali pagamenti, ma jista' qatt jammonta ghall-ftehim gdid ta' modalita' ta' pagament.

Illi fl-ahharnett it-talba ghall-imghax hija gustifikata billi jidher li l-konvenut kien moruz fil-hlas tal-ammonti miftehma.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tikkundanna

lill-Club konvenut jhallas lill-atturi s-somma ta' elf mija hamsa u ghoxrin lira maltin (LM1125.00) bl-imghax legali kif mitlub u bl-ispejjes kollha tal-kawza kontra l-konvenut .

Onor Imhallef Albert J. Magri _